

DEĊIŻONI TAL-KUMMISSJONI

tal-1 ta' Lulju 2011

dwar in-nuqqas ta' inklużjoni ta' ċerti sustanzi fl-Anness I, IA jew IB għad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq tal-prodotti bijoċidali

(notifikata bid-dokument numru C(2011) 4596)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2011/391/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 dwar it-tqegħid fis-suq tal-prodotti bijoċidali⁽¹⁾, u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 16(2) tagħha,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1451/2007 tal-4 ta' Diċembru 2007 dwar it-tieni fażi tal-programm ta' ħidma ta' 10 snin imsemmi fl-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward it-tqegħid fis-suq ta' prodotti bijoċidali⁽²⁾ jistabbilixxi lista ta' sustanzi attivi li għandhom jiġu vvalutati, bil-għan li possibbilment jiġu inklużi fl-Anness I, IA jew IB għad-Direttiva 98/8/KE.
- (2) Għal għadd ta' taħlitiet ta' tipi ta' sustanzi/prodotti inklużi fdik il-lista, jew il-parteċipanti kollha waqqfu l-parteċipazzjoni tagħhom fil-programm ta' reviżjoni, jew ma wasal l-ebda dossier komplut fil-perjodu ta' żmien speċifikat fl-Artikoli 9 u 12(3) tar-Regolament (KE) Nru 1451/2007 mill-Istat Membru maħtur bħala r-Rapporteur għall-evalwazzjoni.
- (3) Konsegwentement, u skont l-Artikoli 11(2), 12(1) u 13(5) tar-Regolament (KE) Nru 1451/2007, il-Kummissjoni għarrfet lill-Istati Membri skont dan. Dak it-tagħrif ġie ppubblikat ukoll permezz ta' mezzi elettroniċi.
- (4) Fi żmien il-perjodu ta' liet xħur minn dawk il-pubblikazzjonijiet, għadd ta' kumpaniji wrew interess li jassumu r-rwol ta' parteċipant għas-sustanzi u t-tipi ta' prodotti konċernati. Madankollu, dawk il-kumpaniji sussegwement naqsu milli jissottomettu dossier komplut.

(5) Skont l-Artikolu 12(5) tar-Regolament (KE) Nru 1451/2007, is-sustanzi u t-tipi ta' prodotti konċernati għalhekk ma għandhomx jiġu inklużi fl-Anness I, IA jew IB għad-Direttiva 98/8/KE.

(6) Fl-interess taċ-ċertezza legali, għandha tiġi spēċifikata d-data minn meta l-prodotti bijoċidali li fihom sustanzi attivi għat-tipi ta' prodotti indikati fl-Anness għal din id-Deċiżjoni, ma għandhomx jibqgħu jitqiegħdu fis-suq.

(7) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kunitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-sustanzi indikati fl-Anness għal din id-Deċiżjoni ma għandhomx jiġu inklużi għat-tipi ta' prodotti konċernati fl-Anness I, IA jew IB għad-Direttiva 98/8/KE.

Artikolu 2

Għall-finijiet tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 1451/2007, prodotti bijoċidali li fihom sustanzi attivi għat-tipi ta' prodotti indikati fl-Anness għal din id-Deċiżjoni ma għandhomx jibqgħu jitqiegħdu fis-suq b'effett mill-1 ta' Lulju 2012.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Lulju 2011.

*Għall-Kummissjoni
Janez POTOČNIK
Membru tal-Kummissjoni*

⁽¹⁾ ĠU L 123, 24.4.1998, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 325, 11.12.2007, p. 3.

ANNESS

Sustanzi u tipi ta' prodotti li ma għandhomx jiġu inklużi fl-Annessi I, IA jew IB għad-Direttiva 98/8/KE

| Isem | Numru tas-EC | Numru tas-CAS | Tip ta' prodott | L-Istat Membru Rapporteur |
|--|--------------|---------------|-----------------|---------------------------|
| Formaldeid | 200-001-8 | 50-00-0 | 1 | DE |
| Formaldeid | 200-001-8 | 50-00-0 | 5 | DE |
| Formaldeid | 200-001-8 | 50-00-0 | 9 | DE |
| Formaldeid | 200-001-8 | 50-00-0 | 23 | DE |
| 2-kloroacētammid | 201-174-2 | 79-07-2 | 3 | EE |
| 2-kloroacētammid | 201-174-2 | 79-07-2 | 6 | EE |
| 2-kloroacētammid | 201-174-2 | 79-07-2 | 13 | EE |
| Tijabendażol | 205-725-8 | 148-79-8 | 2 | ES |
| Tijabendażol | 205-725-8 | 148-79-8 | 13 | ES |
| 2,2'-ditijobis[N-metilbenżammid] | 219-768-5 | 2527-58-4 | 13 | PL |
| Diossidu tal-kubrit | 231-195-2 | 7446-09-5 | 1 | DE |
| Diossidu tal-kubrit | 231-195-2 | 7446-09-5 | 2 | DE |
| Diossidu tal-kubrit | 231-195-2 | 7446-09-5 | 5 | DE |
| Diossidu tal-kubrit | 231-195-2 | 7446-09-5 | 6 | DE |
| Diossidu tal-kubrit | 231-195-2 | 7446-09-5 | 13 | DE |
| Prodott tar-reazzjoni tal-adipat tad-dimetil, il-glutarat tad-dimetil, is-suċċinat tad-dimetil mal-perossidu tal-idroġenu/Perestan | 432-790-1 | — | 4 | HU |
| Oligo(klorur tat-2-(2-etossi)etossietilgwanidinju) | Polimeru | 374572-91-5 | 1 | FR |
| Poli(klorur tal-gwanidinju tal-eżametilendiammina) | Polimeru | 57028-96-3 | 1 | FR |
| Oligo(klorur tat-2-(2-etossi)etossietilgwanidinju) | Polimeru | 374572-91-5 | 5 | FR |
| Poli(klorur tal-gwanidinju tal-eżametilendiammina) | Polimeru | 57028-96-3 | 5 | FR |
| Oligo(klorur tat-2-(2-etossi)etossietilgwanidinju) | Polimeru | 374572-91-5 | 6 | FR |
| Poli(klorur tal-gwanidinju tal-eżametilendiammina) | Polimeru | 57028-96-3 | 6 | FR |
| Oligo(klorur tat-2-(2-etossi)etossietilgwanidinju) | Polimeru | 374572-91-5 | 13 | FR |
| Poli(klorur tal-gwanidinju tal-eżametilendiammina) | Polimeru | 57028-96-3 | 13 | FR |